**10 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Gużeppi Garnisi

*versus*

Francesco Camilleri

**Servitù ta' Passaġġ - Relazzjoni bejn l-Avukat u l-Klijent**

*Ir-rikonoxximent ta' servitù mill-proprjetarju tal-fond servjenti fuq att pubbliku għandu jkollu effett kostitutiv u mhux sempliċement probatorju.*

*Skond il-liġi biex avukat jammetti domanda attriċi jrid ikollu inkarigu speċjali mill-assistit tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut kellu dritt ta' passaġġ mill-għalqa msejħa l-"ġnejna tax-xoqqa", (liema għalqa tinsab wara l-passaġġ numru 15, Tirq San Martin, iż-Żurrieq) proprjetà ta' l-attur, u dana biex jgħaddi għall-għalqa oħra proprjetà tiegħu, u li dan l-aħħar infetħet triq pubblika li tgħaddi minn bejn dawn iż-żewġ għelieqi b'mod li m'hemmx ħtieġa aktar għas-servitù tal-passaġġ għax il-konvenut jista' jgħaddi għat-triq pubblika ġdida, u li l-konvenut u l-membri tal-familja tiegħu xorta waħda baqgħu jgħaddu mill-passaġġ li hemm fil-għalqa ta' l-attur u li l-konvenut kellu d-dritt li jieħu l-ilma mill-ġiebja ta' l-ilma li tinsab fl-għalqa msemmija ta' l-attur, talab lil dik il-Qorti tiddikjara li l-konvenut m'għadx għandu dritt jgħaddi aktar mill-għalqa ta' l-attur ħlief biex jieħu l-ilma, u f'dan il-każ jirritorna lura min-naħa ta' fejn ikun daħal biex jieħu l-istess ilma - bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tat-18 ta' Ottubru, 1976, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi l-kawża saret inutilment, peress illi diġà rrikonoxxa d-dritt ta' l-attur u hu baqa' jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni biex jieħu l-ilma mill-bir kif għandu dritt li jagħmel;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Settembru, 1981, li laqgħet l-eċċezzjonijiet mogħtija u ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu, u dan wara li kkunsidrat illi:

L-attur f'din il-kawża qed jippretendi li dik il-Qorti tiddikjara li hu m'għadx għandu dritt jgħaddi aktar mill-għalqa ta' l-attur ħlief biex jieħu l-ilma, u f'dan il-każ jirritorna lura min-naħa ta' fejn ikun daħal biex jieħu l-istess ilma;

Il-konvenut eċċepixxa li din il-kawża saret inutilment

peress illi l-konvenut diġà rrikonoxxa d-dritt ta' l-attur u li baqa' jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni biex jieħu l-ilma mill-bir kif għandu dritt li jagħmel;

B'digriet tagħha ta' l-20 ta' Jannar, 1977, dik il-Qorti nnominat bħala perit legali lill-Avukat Dr. Carmelo Vassallo biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet. Fl-20 ta' Marzu, 1980 ippreżenta l-imsemmi rapport li ġie maħluf fil-15 ta' April, 1980;

Il-perit legali żamm aċċess u diversi seduti mal-partijiet, fejn sema' x-xhieda minnhom prodotti. Minn eżami bir-reqqa tar-relazzjoni tal-perit legali, jirriżulta li dan ikkonkluda li t-talba ta' l-attur ma tistax tiġi milqugħa. Infatti, hu qal li l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 486 tal-Kodiċi Ċivili li jikkontempla l-każ ta' meta servitù ta' passaġġ mhux aktar neċessarju minħabba l-ftuħ ta' triq ġdida. Dan, però, jirrigwarda terminazzjoni ta' servitù legali waqt li l-oriġini tas-servitujiet in kwistjoni hija att ta' diviżjoni tas-7 ta' Noembru, 1920, u skond il-pjanta Dok. XXZ. B'hekk jiġi li dawn mhumiex suġġetti għat-terminazzjoni minħabba l-ftuħ ta' triq ġdida u t-talba, għalhekk ma tistax tiġi milqugħa;

Apparti dan kollu l-entrata u passaġġ mikxuf tal-bieb fi Triq San Martin mhumiex proprjetà ta' l-attur, iżda proprjetà komuni tal-kondividendi kollha u kwindi l-passaġġ minnhom mhux l-eżerċizzju ta' servitù, iżda ta' dritt ta' komproprjetà;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-proċess kollu, issib li taqbel mal-konklużjonijiet peritali u għalhekk tadottahom u tagħmilhom tagħha;

Rat in-nota ta' appell ta' l-attriċi Michelina Garnisi u l-

petizzjoni ta' l-istess attriċi li appellat minn dik is-sentenza u talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li ssottometta illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita pjena konferma, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni, kompriż il-verbal tal-5 ta' Ottubru, 1983, li permezz tiegħu d-difensuri tal-kontendenti ddikjaraw li m'hemmx bżonn ta' trattazzjoni ulterjuri u l-kawża tista' tibqa' għas-sentenza nonostante li l-Qorti hija diversament komposta minn dik li quddiemha kienet saret it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat illi n-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, flimkien mad-dikjarazzjoni relattiva, kienet ġiet ippreżentata mill-Prokuratur Legali John Privitera fl-4 ta' Jannar, 1977, cjoè qabel is-sostituzzjoni ta' l-artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-artikolu 9 ta' l-Att XXVII ta' l-1979 u kwindi d-dikjarazzjoni ma kinitx ikkonfermata bil-ġurament tal-konvenut għax din il-ħtieġa ġiet introdotta bl-imsemmi Att XXVII ta' l-1979;

Anke fl-ipotesi, għalhekk, li l-imsemmija nota ta' eċċezzjonijiet (sostanzjalment riprodotta fid-dikjarazzjoni) tammonta għall-ammissjoni tat-talba attriċi, jibqgħu dejjem applikabbli għall-każ id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 695 ta' l-imsemmi Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-ebda prova ma saret li l-konvenut kien ta l- "inkarigu speċjali" lill-Avukat tiegħu biex jammetti d-domandi attriċi, anzi l-unika

prova li teżisti f'dan ir-rigward hija fis-sens li l-konvenut ma kienx ta dan l-inkarigu (ara xhieda tal-konvenut a fol. 92 tal-proċess);

Il-Qorti ssib ċerta analoġija bejn il-każ preżenti u dak fl-ismijiet **Debono *utrinque*** deċiż minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu, 1953 (Vol. XXXVII.I.99), fejn kienet ġiet mogħtija eċċezzjoni li tixbah ħafna lil dik in eżami (li "t-talbiet ta' l-attur huma barra minn lokhom" għaliex il-konvenuta "kienet dejjem pronta biex tibni, kif talab l-attur, fuq il-konfini oriġinali") u din il-Qorti, fuq appell tal-konvenuta, ma qisitx din id-dikjarazzjoni tal-konvenuta bħala ammissjoni rrevokabbli, iżda eżaminat il-kwistjoni, komprendenti anke żewġ verbali magħmula mid-difensur tal-konvenuta f'isem l-istess konvenuta u fis-sens ta' l-imsemmija eċċezzjoni, fid-dawl ta' l-imsemmi artikolu 695;

Fil-każ in eżami jista' jiżdied ukoll li l-istess attur jikkorrobora lill-konvenut li huwa (il-konvenut) qatt ma kellu l-intenzjoni jammetti t-talbiet attriċi meta jgħid (l-attur) li meta kellem lill-konvenut dana qallu li hu "kien se jibqa' jgħaddi għax kellu dritt jgħaddi" u baqa' jgħaddi xorta waħda anke wara li l-attur kitiblu bl-avukat u kien għadu jgħaddi anke sa meta xehed wara li bdiet din il-kawża. Anzi mart l-attur (illum l-attriċi Michelina Garnisi) tgħid li l-konvenut kien qalilha li kien qed jgħaddi "biex jisfidaha";

Din il-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel ma' dak li tgħid l-attriċi fil-petizzjoni tagħha ta' l-appell li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiċħad it-talbiet attriċi għax dawn kienu ġew ammessi mill-konvenut;

Il-Qorti lanqas tista' ma tosservax li meta l-Ewwel Qorti innominat perit legali f'din il-kawża bid-digriet tagħha ta' l-20

ta' Jannar, 1977, l-ebda oppożizzjoni ma saret mill-allura attur għal din in-nomina, kif wieħed kien loġikament jistenna kieku l-attur kien qiegħed *jippretendi* u ried bis-serjetà li da parti tal-konvenut kien hemm xi ammissjoni irrevokabbli, il-għaliex f'dan il-każ in-nomina ta' perit kienet tkun għal kollox barra minn lokha;

Inkwantu għall-meritu tal-kawża, bl-att taċ-ċitazzjoni ġiet mitluba d-*dikjarazzjoni li l-konvenut* ma għadx għandu dritt jgħaddi għal għalqa oħra tiegħu u li llum ma għadx hemm iktar il-ħtieġa għal din is-servitù ta' passaġġ billi l-konvenut jista' jgħaddi għall-għalqa tiegħu minn triq pubblika li nfetħet reċentement;

L-attur ovvjament istitwixxa l-azzjoni tiegħu a bażi ta' l-artikolu 486 tal-Kodiċi Ċivili fuq l-assunzjoni li d-dritt ta' passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa servitù maħluqa mil-liġi, għax dan l-imsemmi artikolu ma japplikax fil-każ ta' servitù konvenzjonali;

Il-kwistjoni *kollha, għalhekk, tippernja* ruħha fuq il-punt jekk l-imsemmi dritt ta' passaġġ huwiex servitù legali jew servitù konvenzjonali, u għalhekk wieħed irid jeżamina kif oriġina dan id-dritt;

Kif jirriżulta mill-provi l-għalqa ta' l-attriċi appellanti u dik tal-konvenut appellat *oriġinarjament* kienu jiffurmaw parti minn għalqa waħda li kienet tappartjeni lil Michele u Angelica miżżewġin Camilleri u li mietu rispettivament fid-19 ta' Marzu, 1915, u fl-1 ta' Ġunju, 1920;

B'kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1920 fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia *(fol. 56) it-tmint* itfal ta' l-imsemmija konjuġi Camilleri qasmu bejniethom il-beni li kienu jiffurmaw

l-assi ereditarju tal-ġenituri tagħhom. L-għalqa msemmija ġiet maqsuma fi tmien porzjonijiet mill-Arkitett u Inġinerì Ċivili Carlo Vassallo u lil kull wieħed u waħda mill-imsemmija kondividendi ġiet assenjata waħda minn dawn il-porzjonijiet;

Il-porzjoni mmarkata bl-ittra "A" fuq il-pjanta a fol. 47 (dok. XX2) kienet inkluża fl-ewwel porzjoni tal-pjan ta' diviżjoni magħmul mill-imsemmi A.I.C. Carlo Vassallo. u din il-porzjoni messet bix-xorti u ġiet assenjata lil Rocco Camilleri (illum mejjet) li jiġi missier il-mara ta' l-attur Giuseppe Garnisi. Michelina Garnisi li fil-persuna tagħha ġew trasfużi l-atti tal-kawża stante l-mewt ta' żewġha fil-mori tal-ġudizzju;

Din il-porzjoni, fir-relazzjoni peritali annessa ma' l-imsemmi att ta' diviżjoni tas-7 ta' Novembru, 1920. ġiet deskritta bħala: "*come soggetta alla servitù passiva di passaggio verso le altre porzioni e come soggetta alla servitù passiva di attingere l'acqua dalla summentovata conserva d'acqua*". Fost il-porzjonijiet l-oħra hemm l-għalqa tal-konvenut u kull waħda minn dawn il-porzjonijiet ġiet deskritta fl-istess relazzjoni bħala: "*col diritto di passaggio ... della prima ... porzione*", i.e. dik ta' l-attriċi appellanti;

Il-perit legali nnominat mill-Ewwel Qorti kkonkluda li s-servitù ta' passaġġ in kwistjoni, għalhekk, mhijiex servitù legali iżda servitù kostitwita b'att pubbliku u kwindi ma tapplikax għaliha t-terminazzjoni kkontemplata fl-artikolu 486 tal-Kodiċi Ċivili;

Din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza lokali in materja, taqbel ma' din il-konklużjoni. Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju, 1899, infatti, in re **Spadaro vs Lia**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet illi "*la ricognizione di una servitù che fa per atto pubblico il proprietario del fondo servente a favor di*

*quello dominante ha l'effetto del titolo costitutivo della medesima*" (Vol. XVII.II.87);

Deċiżjoni oħra relevanti hija dik ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1952, in re **Farrugia *vs* Galea** (Vol. XXXVI.I.206) fejn ġie ritenut illi in forza tal-kliem (l'att ta' diviżjoni ta' raba' provenjenti lill-kondividendi mill-wirt tal-ġenituri tagħhom) "*i passaggi delle stesse porzioni debbono praticarsi come per l'addietro*", "ġew maħluqin servitujiet konvenzjonali, u kwindi, ankorkè kien hemm passaġġ ieħor, sid il-fond servjenti ma jistax jippretendi li jeżimi ruħu mis-servizz tiegħu għaliex hemm passaġġ ieħor", u f'dak il-każ il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ġunju, 1882 fl-ismijiet **Camilleri *vs* Galea** (Vol. IX, p. 722) li tgħid illi: "*la disposizione della legge che la servitù del passaggio, conceduta ad un fondo privo di uscita sulla via pubblica, cessandone il bisogno, si può far cessare a domanda del padrone del fondo servente, non è applicabile nel caso di servitù necessaria bensì, ma convenuta in un contratto*", u żżid illi: "*il padrone del fondo servente nemmeno redimere potrebbe mai una servitù convenzionale, come redimerebbe quella legale, cessandone il bisogno: la natura sua perpetua l'accompagna a volontà di chi la gode*";

Relevanti ukoll dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar, 1957, in re **Vella *vs* Magro** (Vol. XLI.I.69), fejn l-azzjoni eżerċitata biex jiġi ddikjarat li l-fond ta' l-attur ma kienx soġġett għas-servitù ta' passaġġ vantata mill-konvenut, kien ġie ritenut illi "lanqas jista' l-konvenut isostni l-pretiża servitù billi jipproduċi att fejn ġiet rikonoxxuta dik is-servitù, jekk f'dak l-att l-attur ma kienx parti personalment jew permezz ta' l-awturi tiegħu; għax ir-rikonoxximent ta' l-eżistenza tas-servitù jrid isir minn sid il-fond servjenti". Fuq il-bażi ta' din il-propożizzjoni jista' jiġi argumentat *a contrario sensu* illi r-rikonoxximent ta' servitù mill-proprjetarju tal-fond

servjenti fuq att pubbliku għandu jkollu effett kostituttiv u mhux sempliċement probatorju;

Applikati għall-każ in eżami, il-prinċipji li għadhom kemm ġew enunċjati ma jistgħux iwasslu ħlief għall-konklużjoni illi s-servitù ta' passaġġ li tifforma l-oġġett tal-meritu ta' din il-kawża, indipendentement mill-fatt jekk kien hemm dritt ta' mogħdija skond il-liġi minħabba fl-interkjużura tal-fond, ġiet konvenuta, flimkien ma' servitù oħra ta' l-ilma, bl-imsemmi kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1920. Kien preċiżament in forza ta' dan l-att ta' diviżjoni, li fih kien parti l-proprjetarju tal-fond servjenti u awtur ta' l-attriċi appellanti, li ġew kostitwiti dawn iż-żewġ servitujiet. Anke l-kliem użat fir-relazzjoni peritali annessa ma' l-imsemmi kuntratt u li tikkostitwixxi l-bażi tad-diviżjoni bejn l-eredi ta' l-imsemmija konjuġi Camilleri, huma indikattivi ta' l-intenzjoni tal-partijiet. F'din ir-relazzjoni, infatti, jingħad espressament "*come soggetta alla servitù passiva di passaggio verso le altre pörzioni*", mentri kieku l-partijiet kellhom f'moħħom id-dritt ta' mogħdija minħabba fl-interkjużura tal-fond kienu jew ma jsemmu xejn, għax dan id-dritt għandu l-oriġini tiegħu fil-liġi, jew almenu jużaw kliem li juri li d-dritt ta' mogħdija li kienu qegħdin jitkellmu fuqu kien dak ikkontemplat fl-artikolu 486 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kliem attwalment użat ma jistax ifisser haġ'oħra ħlief il-kostituzzjoni u rikonoxximent ta' servitù ta' passaġġ;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Fiċ-ċirkotanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---